

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2006/2018(BUD)

15.9.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Baġit

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja
2007
(C6-0000/2006 - 2006/2018(BUD))

Taqsimha III - Kummissjoni

Rapporteur għal opinjoni: Ona Juknevičienė

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

Rimarki ġenerali:

1. Jinnota li l-proċedura baġitarja 2007 hija l-ewwel Qafas Finanzjarju fuq seba' snin wara li ġiet adottata l-Ftehma Interistituzzjonali ġdida dwar id-dixxiplina baġitarja u mmaniġġjar finanzjarju sod (Ftehma Interistituzzjonali)¹;
2. Jinsab, madankollu, allarmat mill-fatt li, minkejja ż-żieda fin-numru ta' Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, ir-ristrutturar rapidu ta' l-ekonomija dinjija, l-iskala allarmanti tal-qgħad u l-isfidi li qed taffaċja l-komunità internazzjonali minħabba r-rivoluzzjoni teknoloġika, il-baġit Komunitarju jibqa' limitat;
3. Jemmen li hu importanti li l-Kummissjoni tithallielha l-possibilità tipprepara sew għaċ-ċiklu ta' programmi u attivitajiet ġodda u mġedda; jinnota, madankollu, li azzjonijiet ulterjuri ta' tħejjija jew proġetti pilota, jekk se jitniedu fl-2007, għandhom jiġu evalwati bir-reqqa dwar il-bżonn tagħhom fl-2007 u li għandha tingħata prijorità lis-setturi ta' l-impjeg, soċjali u teknoloġiċi;
4. Jinnota li l-maġġoranza l-kbira tal-linji baġitarji tagħna huma stabbiliti minn pakkett finanzjarju pluriennali li jorbot, adottat permezz ta' kodeċiżjoni, u li huma possibbli biss tibdiliet fi programmi speċifiċi, jew minn sena għall-oħra; jinnota li l-linji baġitarji ta' "għażla ħielsa" huma dawk li jkopru d-djalogu soċjali (040302; 04030301; 04030302; u 04030303), il-mobilità (040305 u 040304), l-aġenziji (Bilbao; Dublin; Cedefop; u Turin), u l-istudji dwar is-sitwazzjoni soċjali u l-bidla demografika (040307);
5. Jemmen li, għal dak li għandu x'jaqsam mal-linji baġitarji dwar l-infiq amministrattiv u mal-linji baġitarji dwar l-aġenziji, għandu jkun hemm qbil bejn il-kumitati kollha konċernati għal kwalunkwe bidla u jistenna li l-Kumitat għall-Baġit jevita kwalunkwe azzjoni orizzontali, bħall-qtigħ, iż-żieda jew it-tqegħid fir-riżerva ta' ċertu linji baġitarji, li jdgħajfu l-kompetenzi ta' kumitati partikulari u l-koerenza politika;

Il-linji baġitarji 0402 - il-Fond Soċjali Ewropew (ESF)

6. Jemmen li l-ESF u, b'mod partikulari, l-attivitajiet kollha finanzjati permezz ta' l-ESF biex ikun appoġġat it-taħriġ vokazzjonali u biex jiżiedu l-kwalifiki taċ-ċittadini ta' l-UE, għandhom il-potenzjal li jkunu katalist tajjeb biex jintlaħqu ċertu objettivi ta' Liżbona;
7. Jilqa' kull sforz biex l-attivitajiet ta' l-ESF u l-Fundi Strutturali jsiru aktar trasparenti, sabiex jiġi evitat xi abbuż jew irduppar ma' fondi oħra, bħall-Fond Ewropew għall-Adattament għall-Globalizzazzjoni (EGAF);
8. Jaqbel ma' l-ammont imbassar fl-Abbozz Preliminari tal-Baġit (PDB) għall-approprijazzjonijiet ta' ħlas sakemm jirrapreżenta viżjoni realistika tal-problemi ekonomiċi

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

u soċjali ta' l-Istati Membri, naturalment f'relazzjoni wkoll mal-kapaċità għall-assorbiment tagħhom;

Il-linji baġitarji 0403 - Xogħol fl-Ewropa: djalogu soċjali u mobilità

9. Jilqa' ż-żieda fil-linji baġitarji li jkopru l-attivitajiet ta' djalogu soċjali, li se tippermetti lill-imsieħba soċjali, u b'mod partikulari dawk mill-Istati Membri l-ġodda, biex jipparteċipaw mill-qrib fl-inizjattivi li tiegħu l-Kummissjoni;
10. Jilqa' ż-żieda fil-linja baġitarja tas-Servizzi Ewropei għall-Impjiegi (EURES), fil-livell ta' l-2005; jipproponi żieda ulterjuri li a) tippermetti monitorar u evalwazzjoni xierqa tas-suċċess tas-Sena Ewropea għall-Mobilità tal-Ħaddiema, b) tqis il-bżonn li r-Rumanija u l-Bulgarija jingħaqdu man-netwerk tas-Servizzi Ewropej għall-Impjiegi u c) tippermetti l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' staff li jkollu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ta' mobilità internazzjonali;

Il-linji baġitarji 0404 - Impjiegi u Solidarjetà Soċjali

11. Jilqa' l-fatt li, wara l-IIA, il-Programm Komunitarju għall-Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali (PROGRESS) se jirċievi EUR 100 miljun oħra għat-tul tal-perjodu tal-Qafas Finanzjarju; jinnota li l-proċedura baġitarja nbdiel fl-Istrateġija Politika Annwali (APS) u l-proposta PDB qabel ma ġiet adottata l-Ftehma Interistituzzjonali; jindika għalhekk li din iż-żieda mhix riflessa fil-PDB;
12. Jinnota li l-allokazzjoni finanzjarja għat-taqsimha dedikata għall-ugwaljanza bejn is-sessi fi PROGRESS hija inqas milli fl-2006 u tirrapreżenta 9.17% tal-pakkett globali iktar milli 12% kif miftiehem bejn l-istituzzjonijiet;

L-aġenziji

13. Japprova l-proposta PDB f'dak li jirrigwardja l-erba' aġenziji fil-kompetenza tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali - l-Aġenzija għas-Sikurezza fuq ix-Xogħol u Amministrazzjoni tas-Saħħa (OHSA), il-Fundazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol (EUROFOUND), iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), u l-Fundazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) - sabiex jitħallew iwettqu l-mandat u l-prijoritajiet miftehma tagħhom, waqt li jitqies il-bżonn li jintensifikaw l-attivitajiet tagħhom wara t-tkabbir ta' l-UE;
14. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiftehmu mal-Parlament fi żmien xieraq biex l-Istitut għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jibda jaħdem fil-bidu ta' l-2007; jemmen li l-ammont ta' flus allokati għall-2007 huwa biżżejjed; jindika li ż-żidiet fil-futur fl-iffinanzjar ta' l-istitut se jiddependu fuq il-ħtiġijiet u r-riżultati tiegħu;

L-EGAF

15. Jinnota li l-EGAF qed jiġi diskuss u mhux se jiġi adottat iktar kmieni mill-aħħar tas-sena; madankollu, jindika li l-Ftehma Interistituzzjonali diġà stabbiliet il-proċeduri baġitarji mbassra għal dan il-fond: riżerva ta' EUR 500 miljun, se se tiġi attivata pass wara pass ladarba jkunu deċiżi l-proġetti għall-iffinanzjar;

16. Jipproponi li r-riżerva titpoġġa fis-seħħ permezz ta' emenda għall-Abbozz ta' Baġit sabiex tiġi segwita d-deċiżjoni ta' l-IIA u biex il-proċeduri ma' jiddewmux ladarba r-regolament jidħol fis-seħħ.

PROĊEDURA

Titolu	Abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 - Taqsima III - il-Kummissjoni
Numru tal-proċedura	2006/2018(BUD)
Kumitat responsabbli	BUDG
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
Rapporteur ta' opinjoni Data tal-ħatra	Ona Juknevičienė 14.12.2005
Rapporteur ta' opinjoni preċedenti	
Eżami fil-kumitat	11.7.2006
Data ta' l-adozzjoni	13.9.2006
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 38 -: 1 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Andersson, Roselyne Bachelot-Narquin, Jean-Luc Bennahmias, Emine Bozkurt, Iles Braghetto, Philip Bushill-Matthews, Milan Cabrnich, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Luigi Cocilovo, Harald Ettl, Richard Falbr, Carlo Fatuzzo, Ilda Figueiredo, Joel Hasse Ferreira, Roger Helmer, Stephen Hughes, Karin Jöns, Ona Juknevičienė, Jan Jerzy Kułakowski, Sepp Kusstatscher, Jean Lambert, Raymond Langendries, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Mario Mantovani, Jan Tadeusz Masiel, Maria Matsouka, Ria Oomen-Ruijten, Siiri Oviir, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Pier Antonio Panzeri, Jacek Protasiewicz, José Albino Silva Peneda, Kathy Sinnott, Jean Spautz, Anne Van Lancker, Gabriele Zimmer
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Mihael Brejc, Richard Howitt, Jamila Madeira, Leopold Józef Rutowicz, Gabriele Stauner, Patrizia Toia
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)	...